GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 3 ta' Marzu 2021 **Ref:** DLAP 068/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat

**Mingħand:** Carmen Muscat – Uffiċjal Edukattiv, Assessjar tat-Tagħlim

**Suġġett:** Studenti vulnerabbli li ħa jagħmlu l-Eżamijiet Annwali tal-Ħdax-il Sena fl-iskola tagħhom

---

Il-Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji huma mitluba jagħmlu l-arranġamenti li ġejjiin għal l-istudenti ċertifikati bħala vulnerabbli u li ħa jattendu l-iskola biex jagħmlu l-Eżamijiet Annwali tal-Ħdax-il Sena. Il-Kapijiet tal-Iskejjel huma mitluba wkoll biex jgħaddu din l-informazzjoni lill-istess studenti u l-ġenituri/kustodji tagħhom.

1. Studenti ċertifikati bħala vulnerabbli għandhom jidħlu l-iskola nofs siegħa wara l-istudenti l-oħra u jibqgħu sejrin f'kamra/sala arjuża sewwa riservata għalihom fejn numru żgħir ta' tfal se jkunu bilqiegħda wara mwejjed imbegħda b'distanza adekwata minn xulxin.

2. L-istudenti għandhom jilbsu kemm maskra kif ukoll visor (ipprovduti minnhom).

3. L-istudenti għandhom isegwu t-timetable tal-eżamijiet uffiċjali imma jibdew u jispiċċaw l-eżamijiet nofs siegħa wara l-istudenti l-oħra għal kull eżami.

4. Jekk hu possibbli, dawn l-istudenti għandhom ikollhom toilet irriservat għalihom.

5. Matul il-brejks bejn eżami u ieħor, l-istudenti għandhom jibqgħu fil-kamra fejn qed isir l-eżami ħalli ma jkunx hemm taħlit ma' studenti oħra.

6. L-istudenti ma jistgħux jitilqu kmieni mill-eżami.

7. Dawn l-istudenti ma jistgħux jużaw it-trasport provdut mill-iskola imma għandhom jinġabru mill-iskola mill-ġenituri/kustodji tagħhom.

8. Għalliema li jkunu qegħdin jagħmluha ta' invigilators għandhom ikunu provduti b'ingwanti li jintremew wara li jintużaw, jilbsu maskra u jsegwu kull protokoll ieħor fis-seħħ fl-iskola.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

t + 356 2598 2427/8 | e dlap@gov.mt | www.education.gov.mt